

32000R1998

L 238/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.9.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1998/2000
tal-21 ta' Settembru 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1374/98 li jfassal regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġament għall-importazzjoni u kwoti tat-tariffi miftuħin għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, u r-Regolament (KE) Nru 174/1999 li jfassal regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 fir-rigward ta' liċenzi għall-esportazzjoni u rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1670/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1374/98 tad-29 ta' Ġunju 1998 li jfassal regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjoni u l-kwoti tat-tariffi miftuħin għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽³⁾, kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KE) Nru 1491/2000 ⁽⁴⁾, jistabilixxi l-kwantitaet għall-liema liċenza ta' l-importazzjoni m'hix meħtieġa.
- (2) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 li jfassal regoli speċjali dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 fir-rigward tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni u ħlasijiet lura ta' l-esportazzjoni fil-każijiet tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KE) Nru 1961/2000 ⁽⁶⁾, jistipula l-każijiet fejn liċenza ta' l-esportazzjoni m'hix meħtieġa.
- (3) L-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jfassal regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u iffissar taċċertifikati bil-quddiem għall-prodotti agrikoli ⁽⁷⁾ stabbilit 150 kg bħala kwantità massima tal-prodotti tal-ħalib għall-liema l-ebda liċenza m'hemm bżonn li tkun sottomessa. Biex tikkjarifika l-affarijiet, id-dispożizzjonijiet rilevanti għar-Regolamenti (KE) Nru 1374/98 u (KE) Nru 174/1999 għandhom ikunu adatti u dispożizzjonijiet speċjali għandhom ikunu introdotti għall-prodotti tal-ħalib li jidderogaw minn xi wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 800/1999 u (KE) Nru 1291/2000.

- (4) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1374/98 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għat-*Titolu II* tar-Regolament (KE) 1291/2000, l-importazzjonijiet kollha fil-Komunita ta' kwalunkwe prodotti li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 (minn hawnhekk issir riferenza għalih bħala 'prodotti tal-ħalib') għandu jkun bla ħsara għall-preżentazzjoni tal-liċenza ta' l-importazzjoni."

Artikolu 2

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 174/1999 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 2

Ħlasijiet lura għandhom ikunu mogħtija fil-preżentazzjoni ta' liċenza ta' l-esportazzjoni, l-unika eċċezjoni tkun fil-każijiet li ssir riferenza għalihom fl-ewwel u fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Għall-iskopijiet tar-raba' inċiż ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, fejn kodiċi separati fin-nomenklatura tar-rifużjonijiet kif stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (2) jew fin-nomenklatura magħqda huma mdaħħla fid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, l-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu ma' kull kodiċi huma meqjusa li jikkostitwixxu dikjarazzjoni separata."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.

⁽²⁾ ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 185, tat-30.6.1998, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 168, tat-8.7.2000, p. 10.

⁽⁵⁾ ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.

⁽⁶⁾ ĠU L 234, tas-16.9.2000, p. 10.

⁽⁷⁾ ĠU L 152, ta' l-24.6.2000, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni
